MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 140/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Grech**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Grech talli fit-22 ta' Settembru 1998, ghall-habta tad-9.30 pm gewwa Triq tal-Balal, San Gwann, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UYA-777.

**(1)** b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar- regolamenti, kkaguna l-mewt ta' Raymond Spiteri, u dan bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9; u aktar

**(2)** talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UYA-777 b'manjiera perikoluza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a)(2), 18(2) tal-Kapitolu 65;

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Joseph Grech jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu illi l-Qorti jidrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-28 ta' Mejju 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Grech mhux hati skond it-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' elf lira (Lm1,000); dik il-qorti ikkundannat ukoll lill-imsemmi Grech ihallas is-somma ta' tlett mija u sittin lira u dsatax-il centezmu (Lm360.19c) "spejjez inkorsi fil-hatra ta' periti f'dan il-kaz" u dan a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Grech, minnu ppresentat fl-10 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident tat-traffiku li fih safa mejjet certu Raymond Spiteri. Din il-Qorti tikkonfessa li damet ftit biex taghti d-decizzjoni taghha fuq dan l-appell – id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell fid-9 ta' Settembru, 2002 – peress li riedet taqra aktar minn darba l-atti kollha sabiex tassigura ruhha li ma halliet xejn barra, u dan il-ghaliex il-kaz kollu jdur fuq id-deposizzjonijiet ta' mart il-mejjet u ta' l-appellant (imputat quddiem l-ewwel qorti) u tat-tracci materjali li thallew b'rizultat tal-habta. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, xhieda okulari "indipendenti" ma hemmx.

Il-fatti saljenti jistghu konvenjentement jigu riassunti fi kliem l-ewwel qorti:

**Illi fit-22 ta' Settembru, 1998 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija l-imputat li kien qed isuq il-karozza tieghu tal-marka Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni UYA-777, kien ghaddej minn Naxxar Road, San Gwann, sejjer lejn id-direzzjoni tan-Naxxar. Hu kien gej minn tas-Sliema, fejn ghandu hanut, u kien sejjer id-dar. Hu joqghod in-Naxxar. Kien id-dlam u t-triq kienet xotta. It-triq hemmhekk mhiex imdawwla.**

**Illi fl-istess hin Raymond Spiteri kien f'dik l-istess triq. Flimkien ma' martu Miriam Spiteri kienu qeghdin jixtru minghand hanut tal-haxix li hemm f'Naxxar Road. Ghall-precizjoni fi spazju ta' anqas minn hamsin metru hemm zewg bejjiegha tal-haxix. Huma kienu spiccaw jixtru u Raymond Spiteri kien hiereg meta martu qaltlu li ser tixtri xi rummien. Skond Miriam Spiteri meta hi spiccat tixtri hi indunat li r-ragel taghha kien quddiemha, u kien ghoddu wasal in-naha l-ohra tat-triq. Il-konjugi Spiteri kellhom jaqsmu t-triq ghaliex huma kienu pparkjaw il-karozza taghhom go dahla li hemm faccata il-hanut, jew razzett, fejn kienu qed jixtru. Din id-dahla tinsab fuq ix-xellug tat-triq fid-direzzjoni tan-Naxxar.**

**Illi meta Miriam Spiteri giet biex taqsam it-triq hi harset biex tara jekk kienx hemm xi karozzi gejjin u f'dak il-hin hi semghet hoss li hasbet li r-ragel waqqa' l-kaxxa bil-haxix. Harset 'l quddiem u ma ratx lir-ragel taghha izda rat karozza wieqfa ftit 'l fuq minnha fuq in-naha l-ohra tat-triq. Daret mal-karozza u rat lil zewgha Raymond ma' l-art f'ghadira demm. Fuq il-post wasal tabib, issejhet l-abulanza li giet ftit wara, u Raymond Spiteri ttiehed l-isptar fejn miet.**

Ma hux kontestat li Spiteri miet minhabba l-griehi li huwa sofra b'rizultat ta' l-impatt li huwa kellu mal-vettura tal-appellant. Mill-*brake marks* ma jirrizultax li l-appellant kien qed isuq b'xi velocita` eccessiva jew altrimenti mhux konsiljata ghall-dak il-post u ghall-kundizzjonijiet ambjentali ta' dak il-mument. Issa, l-ewwel qorti (kif ukoll il-perit Dott. Veronica Galea Debono li kienet giet

imqabbda ghall-finijiet ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant ma kienx qed izomm "a proper lookout", u li kieku kien attent huwa kien jara lil Spiteri u jevitah. It-tezi ta' l-appellant – u, bazikament, l-aggravju tieghu – hi fis-sens li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta waslet ghal din il-konkluzzjoni, u dan peress li (dejjem skond l-appellant) il-provi kienu juru li hu kien qed izomm "a proper lookout" u li kollox kien jindika li dak li gara kien li Spiteri, wara li kien qasam it-triq, b'xi mod mexa jew dar lura jew ghamel xi moviment subitanju iehor b'mod li baqa' diehel ghal gharrieda fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu. Skond l-appellant, ghalhekk, dan kien kaz ta' *casus* peress li kien nieqes l-element ta' prevedibilita` li jikkaratterizza l-agir kolpuz.

Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita` tal-event dannuz, huwa veru li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew, kif isejhilha Francesco Antolisei *"…casi di colpa che derivano da inosservanza di usi sociali…"* [1]) il-kriterju jew kejl tal-prevedibilita` huwa wiehed importanti, anzi essenzjali:

**Di un'imprudenza o negligenza generica, infatti, e` possibile parlare solo quando era prevedibile che dall'azione sarebbe derivato l-evento nocivo, perche` se il risultato non poteva essere previsto, nessun rimprovero puo` muoversi all'agente. Da secoli nella vita giuridica si fa costantemente uso del criterio in parola e le larghissime discussioni svoltesi in proposito hanno dimostrato che esso e` veramente indispensabile ed insostituibile.** [2]

Mill-band l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qed issuq minghajr ma zzomm "a proper lookout" (ghax aljenata, distratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x'inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezempju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-genb biex jaqsam. Li wiehed izomm "a proper lookout" waqt li qed isuq, u cioe` li mhux biss

[1] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** Giuffre` (Milano), 1989, p. 325.
[2] *Ibid.*

ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma ta' kondotta socjali intiza proprju biex tevita l-hsara; u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm "a proper lookout" kif hawn fuq spjegat, u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna trid twiegeb ghall-hsara involontarja hekk kagunata. Fi kliem l-awtur appena kwotat:

**A noi sembra che per comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregudicati. Sorgono per tal modo delle *regole di condotta*. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possesore di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno perocolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali.**

**Il reato colposo nasce sempre e` soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della**

**colpa debba ravvisarsi nella *inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi*.** [3]

Mill-banda l-ohra, il-prevedibilita` mhix bizzejjed; il-hsara jew l-event dannuz irid ikun ukoll fil-kaz konkret evitabbli:

**Va, peraltro, notato che, se la prevedibilita` dell'evento causato e` necessaria per la sussistenza della colpa, essa non e` sufficiente. Occorre anche la *prevenibilita`* od *evitabilita`* dell'evento medesimo, giacche` il risultato che il soggetto non e` in grado di impedire non gli puo` essere posto a carico, rappresentando nei suoi confronti una mera fatalita`.** [4]

Fi kliem iehor, biex nuqqas ta' "proper lookout" iwassal ghal responsabbilta` penali il-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas ta' "proper lookout" dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kienitx issehh f'dak il-grad li effettivament sehhet. Jekk dik il-hsara fi kwalunkwe kaz ma setghetx tigi evitata, allura jigi nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn in-nuqqas ta' "proper lookout" (l-ghemil negligenti) u l-hsara kagunata (l-effett dannuz); ma jkunx jista' jinghad li n-nuqqas ta' "proper lookout" kien kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-hsara kagunata [5].

Issa, fil-kaz in dizamina l-appellant jammetti li hu <u>f'ebda hin ma ra lil Spiteri</u> qabel ma dan spicca fuq il-*bonnet* tal-karozza tieghu b'mod li anke faqa' n-naha tax-xellug tal-*windscreen* – la rah jaqsam mill-lemin ghax-xellug, la rah x'imkien wieqaf, anqas rah gej mix-xellug ghal lemin:

**Kull ma naf hu li smajt hoss "bumm" u waqaft. Ma niftakarx li rajt xi niex quddiemi. Kien hemm traffiku quddiemi kif ukoll fuq il-karraggata l-ohra niezla fid-direzzjoni ta' San Gwann. Jien ma rajt xejn u ma rajtx**

---

[3] *op. cit.* pp. 322-323. Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Richard Grech*** App. Krim. 21/3/1996; ***Il-Pulizija v. Tracisio Fenech*** App. Krim. 26/3/1998; ***Il-Pulizija v. Remigio Sacco*** App. Krim. 16/3/1999.
[4] *op. cit.* p. 325.
[5] Ara ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi*** App. Krim. 26/2/2001.

**nies jaqsmu fid-distanza, u qabel l-impatt ma rajt assolutament xejn hlief it-traffiku ta' quddiemi…Ma l-impatt ezatt rajt xi haga fuq il-windscreen u fil-fatt ghall-ewwel hsibt li kienet karozza li hargitli mill-genb tat-triq. Ma' l-impatt applikajt il-brakes u waqaft. Dak il-hin hrigt mill-karozza u rajt ragel mindud ma' l-art fue in-naha tax-xellug tal-karozza…Jien nghid li mad-daqqa ghafast il-brake mill-ewwel. Ma nistax nghid ezatt fejn kont fit-triq fil-point of impact. Jien il-brake ghafastu ezatt mad-daqqa u mhux ma' l-impatt tar-ragel mal-windscreen. Dak il-hin kont ghadni ma ndunajtx li kont ilqatt ragel u hsibt li kienet karozza ohra. Nghid li mad-daqqa tar-ragel fuq il-windscreen hu ma tarx il-barra izda baqa' fuq il-bonnet tal-karozza sakemm il-karozza giet "to a dead stop"…Nghid li kieku rajt in-nies jaqsmu kont nevita l-incident, izda jien ma rajt assolutament xejn minn dan.** (fol. Fol. 37 u 38 tal-attijiet ta' l-istruttorja).

Fil-fehma tal-Qorti, sinjifikanti huma s-segwenti cirkostanzi: (1) ftit istanti qabel l-impatt bejn il-vettura u Raymond Spiteri, mart l-istess Spiteri kienet ratu kwazi diga qasam it-triq, u daru lejha; (2) Raymond Spiteri kien qed igorr kaxxa tal-banana li kienet mimlija frott u haxix u li fi kliem martu kienet tqila hafna; (3) din il-kaxxa instabet maqluba mal-genb tat-triq bil-kontenut taghha mxerred kemm lejn ix-xellug tat-triq kif ukoll 'l quddiem (jigifieri fid-direzzjoni ta' fejn kien sejjer l-appellant); u (4) il-hsara fuq il-vettura tal-appellant u t-tracci mhollija kienu jindikaw li Spiteri intlaqat bin-naha ta' quddiem tax-xellug tal-Mercedes. Mill-kumpless ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tikkonkludi li, mghobbi kif kien bil-kaxxa, Spiteri ma setax ghamel li movimenti ghal gharrieda (bhal, per ezempju, johrog jigri ghal gol-karraggjata ta' l-appellant). Anke jekk wiehed kellu jassumi, kif qed jassumi l-appellant, li Spiteri kif qasam iz-zewg karreggjati (u meta kien ghadu bil-kaxxa f'idejh) ghamel pass lura (jekk kien ghadu daru lejn martu) jew, jekk kien diga dar, ghamel pass il-quddiem b'mod li gie fil-karreggjata ta' l-appellant, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant ma rahx. Huwa veru li kien id-dlam u l-post mhux wiehed imdawwal (anzi dak iz-zmien ma kien hemm dawl xejn); pero` d-dwal tal-

vettura ta' l-appellant kellhom ikunu bizzejjed biex huwa jara lil xi hadd fuq il-margini tat-triq. Fi kliem iehor din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li l-appellant ma zammx "a proper lookout", u li dan in-nuqqas kien kawza efficjenti (anke jekk biss in parti, jekk wiehed jassumi li kien hemm xi imprudenza da parti ta' Spiteri) tal-incident u tal-hsara li garrab l-istess Spiteri.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li l-ispejjez peritali kollha f'dan il-kaz gew inkorsi fl-istadju ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* u mhux fil-kors ta' l-istruttorja, hlief ghal xi spejjez li seta' kien hemm konnessi mad-deposizzjoni tal-esperti fil-kors ta' l-istruttorja wara li dawn gew konfermati fl-inkarigu taghhom kif jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 1999. Ghalhekk, konformement mal-gurisprudenza ta' din il-Qorti (ara, *inter alia*, ***Il-Pulizija v. Trevor Farrugia*** App. Krim. 29/1/1996; ***Il-Pulizija v. Natalino Vella*** App. Krim. 11/6/1999; ***Il-Pulizija v. Peter Paul Azzopardi*** App. Krim. 17/2/2000), l-appellant m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez peritali.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez peritali fis-somma ta' tlett mija w sittin lira u dastax-il centezmu (Lm360.19c), izda tikkonferema s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------